# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 20

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

Il-Ħamis 21 ta' Marzu 2019

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq il-Qasab, San Ġwann, fis-6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

20.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qara l-ittri ta' apoloġija mingħand is-Sur Stephen Sultana, is-Sur Andre Grech, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, is-Sur Maximillian Zammit, is-Sur Conrad Borg Manche u s-Sur Anthony Dalli sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

20.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

20.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 19 li saret nhar il-Ħamis 14 ta' Frar 2019 kienu meħuda bħala moqrija.

20.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta mill-Viċi Sindku u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mill-Kunsillier ta' San Ġwann, mis-Sur Dominic Cassar.

## 20.3 Komunikazzjoni mill-President

20.3.1 Il-President xtaq jirringrazzja lil dawk il-Kunsilli Lokali li, wara l-aħħar laqgħa tar-Reġjun, irrispondew il-kwestjonarju tas-SUMP minbarra l-Kunsill Lokali ta' San Ġwann, San Ġiljan u l-Pieta'.

- *Awditjar għas-sena 2018*

20.3.2 Il-President informa lill-membri preżenti kif l-awdituri mill-kumpanija Mazars Ltd. kienu preżenti fl-uffiċċju amministrattiv bejn is-26 ta' Frar sat-4 ta' Marzu 2019 u dwar kif dan ir-Reġjun qiegħed jistenna mingħand l-awdituri sabiex jgħaddulna l-*Management Letter.*

- *Performance Audit*

20.3.3 Il-President informa lill-membri kif nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu 2019 saret laqgħa dwar il-*performance audit* mill-kumpanija Reanda Ltd. mas-Segretarju Eżekuttiv ta' dan ir-Reġjun fejn ġiet mitluba tagħti spjegazzjoni fid-dettal dwar x'kien qed jagħmel dan ir-Reġjun matul dawn l-aħħar snin. Wara din il-laqgħa kellha tintbagħat emejl b'talba ta' dokumenti pero s'issa s-Segretarju Eżekuttiv għadha ma rċiviet xejn. Aktar dettalji dwar dan għandhom jingħataw aktar 'l quddiem ġaladarba jkun hemm iktar żviluppi.

- *Cigarette Bins*

20.3.4 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li saret mar-rappreżentant li qed jissuplixxi dawn il-bins. Hu spjega li dan ir-rappreżżentant kien ta preżentazzjoni fil-laqgħa plenarja li kienet organiżżata mill-AKL fi Frar 2019.

20.3.5 Il-President spjega kif dan ir-Reġjun għandu jagħmel proġett u jissuplixxi tliet bins għal kull lokalita' fi ħdan ir-Reġjun u jekk ikun hemm xi Kunsill Lokali li jixtieq jordna aktar minn dawn il-bins, wieħed għandu jibgħat it-talba tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2019. Dan għaliex wieħed irid jikkonsidra li dan il-prodott idum madwar erba ġimgħat sabiex jasal Malta.

20.3.6 Il-President informa lill-membri dwar l-ispejjez tax-*Shipping* li dan għandu jinqasam bejn dawk il-lokalitajiet li ser jixtru aktar minn dawk mgħotija minn dan ir-Reġjun.

20.3.7 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 20.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

20.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

20.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 20.5 Rapporti

20.7.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi pprezentat f'dan l-istadju peress li l-awdituri għadom ma bagħtux il-*Management Letteri* għas-sena 2018.

## 20.6 Preżentazzjoni mill-kumpanija Vid-Raiser

20.6.1 Il-President stieden fil-kamra lis-Sur George Borg d'Anastasi sabiex jgħati preżentazzjoni qasira dwar il-prodott tiegħu.

20.6.2 Is-Sur D'Anastasi irringrazzja lil President talli kien laqgħa t-talba tiegħu biex jindirizza lill-membri ta' dan ir-Reġjun u ta spjegazzjoni dwar il-prodott tiegħu.

20.6.3 Il-President irrimarka li 'l quddiem wieħed għandu jikkonsidra l-possibilitá sabiex ikun hemm *app* tar-Reġjun fejn fiha wieħed ikun jista' jaċċessa b'mod faċli w immedjat informazzjoni dwar x'attivitajiet qedin isiru fl-iskejjel wara l-ħin, kif ukoll aċċess għal kull Kunsill Lokali li jagħmel parti minn dan ir-Reġjun.

20.6.4 Il-President irringrazzja lis-Sur Borg D'Anastasi talli kien preżenti.

## 20.7 Preżentazzjoni mis-SOGIGESC Unit taħt il-Human Rights and Integration Directorate dwar LGBTIQ Equality Strategy and Action Plan (2018 – 2022)

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti kif ir-rappreżentant, is-Sur Aaron Lee Giardina, li kellu jkun preżenti għal din il-laqgħa ma setax jattendi u għalhekk dan il-preżentazzjoni ser tingħata fil-laqgħa tar-Reġjun ta' April 2019.

## 20.8

## 20.8 Sejħa għal Servizz ta' Accountant għar-Reġjun

20.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar kif kien ġie deċiż fl-aħħar laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, talbet kjarifika mingħand id-DLG fejn is-Sur Christopher Galea nfurmana li ġaladarba l-kuntratt huwa skadut, il-kuntrattur għandu jipprovdi kwotazzjoni ġdida bl-ammont mitlub.

20.8.2 Għal din ir-raġuni, il-President reġa ressaq il-kwotazzjoni uffiċċjali għal tliet xhur (Frar 2019 sa April 2019) għas-somma ta' €1,500 (VAT mhux inkluża).

20.8.3 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 20.9 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Data Protection Officer (DPO)*

20.9.1 Il-President spjega kif wara il-laqgħa preċedenti, is-Sinjura Galea bagħatet emejl lid-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, sabiex titlob kjarifika fuq is-sejħa li kull Reġjun għandu joħroġ għas-servizz ta' Data Protection Officer. Nhar is-26 ta' Frar 2019, is-Sur Attard wieġeb:

20.9.2 "Ġentilment ninfurmak li peress li qatt ma kien previst li kunsill lokali jew kumitat reġjonali joħroġ sejħa għall-pożizzjoni ta' DPO, m'għandna l-ebda nformazzjoni dwar ħlasjiet. Di piu', in vista tal-fatt li fir-Riforma tal-Gvern lokali ġew proposti diversi tibdiliet dwar il-kompożizzjoni tar-Reġjuni, mhux rakkomandat li jsiru bidliet fl-ismijiet tad-DPOs sa meta jidħlu fis-seħħ l-emendi dwar ir-Reġjuni.

20.9.3 Jekk ir-Reġjun irid imexxi bis-sejħa allura għandha tidħol klawsola li tgħid li tali ħatra tkun valida sakemm legalment jibqa' fis-seħħ il-Kumitat Reġjonali kif preżentement kopost."

20.9.4 Is-Sur Fenech Adami qal kif nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2019 hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Regjun, kellhom laqgħa mas-Sur Adrian Mifsud fejn ressaq proposti dwar is-servizz li ser ikun qed joffri f'isem il-kumpanija BOOM Consultancy & Advisory Services. Għal din ir-raġuni l-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni provduta dwar 'GDPR Consultancy and Support Service'.

20.9.5 Il-President spjega kif sa Mejju 2019 kull Kunsill Lokali kif ukoll ir-Reġjuni għandhom ikollhom persuna bħala *Data Protection Officer* u talab sabiex kull rappreżentant jikkunsidra din l-offerta sabiex kulħadd ikun kopert.

20.9.6 Il-Membri preżenti unanimament approvaw din il-kwotazzjoni għall-ufficcju amministrativ tar-Reġjun għal perjodu ta' sena.

- ***URBACT***

20.9.7 Il-President spjega kif kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħet mas-Sinjura Carla Ciscaldi (mill-EMCS Ltd) sabiex jiġu identifikati proġetti taħt il-programm URBACT u nkunu nistgħu napplikaw bħala Reġjun. Is-Sinjura Galea flimkien mas-SInjura Ciscaldi sabu ħames proġetti li huma tajbin għal dan ir-Reġjun u għal din ir-raġuni huma ressqu bil-miktub it-talba sabiex dan ir-Reġjun ikun aċċettat bħala *project partner*. Għadhom għaddejjin diversi korrispondenza dwar dawn il-proġetti. Aktar dettalji dwar dan ser jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

- *Toroq bit-Tarmac*

20.9.8 Il-President informa lill-membri dwar l-inizjattiva finanzjarja għal toroq bit-tarmak fejn dan ir-Reġjun kien jonqsu titlesta l-aħħar triq f'Birkirkara. Minħabba li l-ispiża għal din it-Triq kienet ta' €8,760.88 u s-somma kollha ta' €14,273.16 ma kinitx ser tigi wżata kollha, is-somma ta' €5,512.28 għandha terġa tingħata lura lid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

20.9.9 Il-President spjega kif minħaba din ir-raġuni, fl-iskeda ta' pagamenti hemm inkluż dan il-ħlas.

- *Vakanza ta' Accounts Officer (Skala 11)*

20.9.10 Il-President informa lill-membri li s-Sinjura Camilleri ser tibda l-impjieg tagħha ma' dan ir-Reġjun minn nhar it-Tnejn l-1 t'April 2019.

- *Book Launch*

20.9.11 Il-President fakkar lill-membri dwar it-tnedija uffiċċjali tal-ktieb li ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 26 ta' April 2019, fis-7 ta' filgħaxija. Huwa spjega kif għal din ir-raġuni matul dawn l-aħħar ġranet is-Segretarju Eżekuttiv talbet kwotazzjonijiet għal diversi servizzi sabiex jinżamm dan l-avveniment.

20.9.12 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex ikun servut ikel waqt is-serata u l-irħas offerta ġiet magħżula.

20.9.13 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex jsir filmat qasir ta' madwar 4 minuti biex jintuża bħala introduzzjoni fejn giet maghżula l-irħas kwotazzjoni.

20.9.14 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm dawl u *sound* barra s-sala fejn ġiet magħżula l-irħas kwotazzjoni.

20.9.15 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni għal kiri tas-sala f'San Alwigi li fiha tinkludi *screen* u *PA Sytem*.

20.9.16 Il-membri unanimament approvaw din il-kwotazzjoni.

20.9.19 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni mingħand Kite Group dwar l-assistenza tagħhom sabiex jittella l-*launch* kif ukoll koordinament waqt l-avveniment.

20.9.20 Il-membri unanimament approvaw din il-kwotazzjoni.

20.9.21 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjoni mingħand PrintIt bi prezz ta' €531 sabiex jiġu pprintjati l-inviti uffiċċjali.

20.9.22 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm fotografu jieħu r-ritratti waqt l-avveniment fejn l-irhas kwotazzjoni ġiet magħżula.

20.9.22 Il-kwotazzjonijiet imressqa ġew approvati unanimament mill-membri preżenti.

- *Progression in Scale*

20.9.23 Il-President ressaq fuq il-mejda talba sabiex l-impjegata, is-Sinjura Isabelle Cini, titla minn skala 15 għal skala 14 peress li ilha ħames snin f'din l-iskala u skond Memo 8/2015 din għanda tavvanza b'grad.

20.9.25 Il-membri unanimament approvaw din it-talba.

- *L-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun*

20.9.26 Il-President ressaq fuq il-mejda e-mejl mingħand sid l-uffiċċju amministrattiv datata 18 ta' Frar 2019 fejn is-Sur Soler spjegalna li l-ħlasijiet dovuti għandhom ikunu pagabli bl-isem tal-kumpanija u mhux f'ismu minħabba li ġibdulu l-attenzjoni tal-VAT. Għal din ir-raġuni, iċ-ċekk inkluż f'din l-iskeda għal perjodu ta' tliet xhur huwa pagabli lill-kumpanija, Relos Services Ltd.

20.9.27 Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezjoni dwar dan.

- *Ċirkulari SPI/05/2019 – Espressjoni ta' Interess għall-iskema: Rebbiegħa fil-Komunita – Xettel b'Ilwien in-Natura*

20.9.28 Il-President ressaq fuq il-mejda din iċ-Ċirkulara dwar kompetizzjoni bl-għan li jiġu mħeġġa r-residenti, għaqdiet, soċjetajiet u ntrapriżi u isttuzzjonijiet tal-lokali sabiex flimkien mal-Kunsilli Lokali u Reġjuni jgħatu s-sehem tagħom sabiex jitkompla jissebbaħ l-ambjent tal-lokalita' fejn jgħixu.

Hu ħeġġeġ lill-lokalitajiet preżenti sabiex jipparteċipaw minn din l-iskema.

## 20.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

20.10.1 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mill-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 17A u 17B.

20.10.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 20.11 Mozzjonijiet

20.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 20.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

20.12.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta' April 2019, fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' April, 2019.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Michael Fenech Adami Jeanette Galea
President Segretarju Eżekuttiv